**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Victor Bajada

vs

Noel Borg ezercenti l-kummerc bhala NA Solutions

CCT G/12/18/MS

10 ta' Settembru 2021

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-14 ta' Settembru 2018 fejn talab lill-intimat izomm mal-ftehim li kellhom sabiex jaqla l-AC unit mixtri u installat mill-intimat u jitfghu iktar il-fuq minghajr ebda hlas, u dan peress illi l-*unit* kien qed jitfa l-arja gewwa l-kcina; jew inkella jinghata kumpens.

Ra r-risposta tal-intimat fejn eccepixxa preliminarjament illi huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi mehlus mil-osservanza tal-gudizzju stante li huwa personalment ma kellu l-ebda negozju mar-rikorrent; illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-AC unit twahhal fejn indika u fil-presenza tar-rikorrent; illi s-socjeta' intimata kienet lesta li tmexxi dan il-unit kemm-il darba r-rikorrent ihallas l-ispejjes li hemm bzonn biex isir dan. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti kollha tal-process.
Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni imqajma mill-konvenut, u cjoe' li hu personalment ma kellu l-ebda negozju mar-rikorrent u mhuwiex il-legittimu kontradittur, it-Tribunal josserva illi skond ir-Regola numru 6 tal-Avviz Legali 145 tas-sena 1995 kif sussegwentement emendat (Legislazzjoni Sussidjarja 380.01) "*(1) Jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha. (2) Il-konvenut ghandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi: (a) b'kopja tat-talba; u (b) b'kopja tar-risposta tiegJu; u (c) b'avviz lil terzi; u (d) b'formola ghal risposta vojta. (3) Meta terzi jaghmlu r-risposta taghhom, huma ghandhom isegwu l-procedura li hemm biex issir risposta ghal talba hekk kif inhi msemmija fir-regoli 4 u 5*".
L-intimat ma ghamel xejn min dan. Dan ir-regolament qieghed hemm sabiex ma joqghodx jinhela hin f'kawzi ghalxejn u sabiex jigi identifikat mal-ewwel il-persuna li skond il-konvenut ghandha twiegeb ghat-Talba tar-rikorrenti. It-Tribunal pero' qed jifhem li hija s-socjeta' NA Solutions Ltd - u mhux NA Solutions - li ghandha twiegeb ghat-talba tar-rikorrent.

Apparti l-fatt illi l-intimat ma indikax lis-socjeta' NA Solutions Ltd fir-risposta tieghu u qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jikkonferma r-risposta u jipprova din l-eccezzjoni, it-Tribunal, wara li ra d-dokumenti esebiti mir-rikorrent, jinnota illi fid-dokument tal-garanzija (warranty document), l-intimat jirreklama ruhu bhala Noel Borg f'isem il-kumpanija NA Solutions, fl-indirizz Clover, Dun Gorg Preca Street, Nadur Gozo. Ghalhekk ghandu jerfa' r-responsabbilta' ghal dan in-nuqqas u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara AC unit mill-azjenda intimata fis-sena 2017 u meta twahhal mill-kumpanija, r-rikorrent kien gibed l-attenzjoni peress li l-unit ta' barra kien ser jitwahhal fin-naha t'isfel u dan kien ser jitfa' shana gewwa l-kcina. Ir-rikorrent bil-gurament xehed illi l-azjenda intimata kienet assikuratu illi fl-ipotezi li dan isehh, hija kienet lesta li jaqla l-unit u jitfghu 'l fuq. Pero' meta r-rikorrent talab biex isir hekk, intalab ihallas is-somma ta' €120.00 u dan kontra l-ftehim li kellhom. Ir-rikorrent ikkonferma illi ghalkemm l-intimat ma kienx prezenti dakinhar meta sar l-installazjoni mill-haddiema tieghu, huwa kien ġie fuq il-post qabel meta qallu li kien dispost illi jtellghu 'il fuq jekk kien hemm bzonn.

Illi l-konvenut qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu u allura t-Tribunal m'ghandux quddiemu versjoni ohra li b'xi mod tikkonontrasta x-xhieda tar-rikorrent li fic-cirkostanzi huwa verosimili. It-Tribunal jinnota illi l-kawza lienet ilha s-snin ghall-provi tal-konvenut, almenu mid-29 ta' Marzu 2019 u minn dakinhar il-konvenut baqa ma ressaq l-ebda provi u qatt ma deher.

Illi ma jidhirx illi hemm problema bl-AC unit per se. Il-problema kienet fl-installazjoni taghha ghaliex din kienet qed titfa' arja shuna fil-kcina u r-rikorrent qed jitlob li dan jitwahhal iktar 'il fuq. Ta' dan ir-rikorrent intalab li jhallas is-somma ta' €120.00 li skond hu mhumiex dovuti peress illi kienu ftehmu fil-bidu illi jekk jaghti kaz li dan il-unit ghandu jiccaqlaq, dan isir a spejjes tal-intimat. It-Tribunal jifhem allura illi jekk l-intimat qed jirrifjuta li jtella' l-unit 'il fuq, ir-rikorrent ha jkollu jingagga xi hadd iehor a spejjes tieghu biex jaghmillu dan ix-xoghol.

Fin-nuqqas ta' xhieda li tikkontrasta l-verzjoni tar-rikorrent, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu fuq bazi ta' probabbilita u sejjer jilqa' t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, jipprefiggi terminu ta' tlett gimghat sabiex l-azjenda intimata tbiddel il-posizzjoni tal-*AC unit* taht is-supervizjoni tar-rikorrent, u fin-nuqqas, jikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' Euro 120. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Michela Spiteri Av.
Arbitru